**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 119/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Reuben Boyce**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Reuben Boyce**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 314372(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-25 ta' Awwissu 2018, għall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00hrs), ġewwa Triq San Pawl, Safi:

1. inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq PC 733 Leander Spiteri, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-

servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-uffiċjal tal-Pulizija, PC 733 Leander Spiteri persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

3. fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi kkaguna offizi ta' feriti ta' natura ħafifa, fuq il-persuna ta' PC 733 Leander Spiteri, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Anthony Mifsud (Reg. Med. Nru. 1732) miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' dawk li jkunu nkarigati minn servizz pubbliku, u ċioè WPS 313 Christine Micallef, PC 733 Leander Spiteri u PC 1193 Ryan Zammit jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien f'sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, titratta mal-imputat bħala persuna reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi fil-mori tal-każ tipprovdi għas-sigurta ta' PC 733 Leander Spiteri u/jew familjari tiegħu jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat u dan *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-persuni hawn fuq indikata.

Finalement, il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u anqas ma sabitu ħati li hu reċidiv u b'hekk illiberatu minnhom, wara li rat Artikoli 95, 96(a), 221(1) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħmistax-il Euro (€115.00) bl-ewwel pagament kellu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fih il-ħati jkun skonta l-piena ta' priġunerija li ġiet erogata fis-sentenza u għal dan il-fini r-Reġistratur kellu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data pero' f'każ li l-ħati kien ser jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skont il-liġi. *Ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' PC 733 Leander Spiteri, rabtet lill-ħati li għal żmien sena mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena ta' priġunerija li ġiet erogata bis-sentenza, bl-ebda mod ma jikkuntattja jew jimmolesta

lil PC 733 Leander Spiteri u dan b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2020 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħati tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva,* ***TĦASSARAHA U TIRREVOKAHA*** *f'dik il-parti tas-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u minflok* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; jew sussidjarjament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata in kwantu għal piena nflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Lulju 2020.

Illi l-fatti ta' din il-kawża jirreferu għal dak li seħħ fil-25 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tas-2.30am meta ngħatat ordni lill-Kumitat tal-Każin ta' San Pawl ta' Ħal-Safi sabiex tieqaf il-mużika. Il-Kumitat irrifjuta u nqalgħet ġlieda fejn numru ta' Pulizija riedu jikkontrollaw diversi persuni.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar iż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Jisħaq li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li l-prova li ġġib tmur lil hinn minn kwalunkwe dubju raġonevoli. Jisħaq li hu preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati. Fl-aggravju tiegħu, l-appellant jagħmel riferenza għal ġurisprudenza fir-rigward tal-erba' imputazzjonijiet li huwa nstab ħati tagħhom. Huwa jsemmi dawn l-erba' imputazzjonijiet u jittrattahom separatament billi, fost l-oħrajn, iniżżel l-elementi tagħhom. Jagħmel riferenza għal dak li kiteb il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Noti tiegħu.

Illi fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, l-appellant jisħaq li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni mhux biss naqset milli tipprova n-ness bejn l-*actus reus* tal-offiża ħafifa, iżda li naqset li tipprova l-element formali jew intenzjonali għall-finijiet tal-ewwel (1) imputazzjoni u dana peress li skont hu ma hemm xejn x'jindika li kienet teżisti l-*mens rea* speċifika neċessarja għall-offiża ħafifa. Jissottometti li ma hemmx provi li hu kellu l-intenzjoni li ried iweġġa' lill-uffiċjali tal-Pulizija. Jisħaq li la hemm prova ta' intenzjoni negattiva, la ta' intenzjoni pożitiva indiretta u lanqas intenzjoni diretta. Isostni li dejjem irid jiġi stabbilit x'kellu f'moħħu l-aġent u jagħmel riferenza għal ġurisprudenza. Jagħmel riferenza wkoll għal dak li jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo dwar l-intenzjoni ġenerika u li d-dubju għandu jmur favur l-imputat jekk jibqa' dubju dwar jekk l-imputat kellux l-intenzjoni li tissuċċiedi fir-riżultat. Jisħaq li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jweġġa' jew jikkawża xi ġrieħi lill-

uffiċjali tal-Pulizija. Jargumenta li l-Prosekuzzjoni ressqet biss uffiċjali tal-Pulizija bħala xhieda u xejn xhieda pajżana. Jgħid li ħadd mix-xhieda ma rah jagħti daqqa ta' ponn lill-allegat vittma. Huwa jirreferi għal dak li qalet WPS 313 Christine Micallef. Jisħaq li ma kinitx din ix-xhud stess li identifikatu. Skont l-appellant inqalbet il-kronoloġija iżda l-Qorti straħet fuq dak li jidher *a fol.* 59: *"il-wiċċ nagħrfu, il-wiċċ għaraftu."* Jisħaq li mix-xiehda tal-iSpettur jirriżulta li kien biss wara li PC 733 Leander Spiteri identifikah (lill-appellant) u mhux għax dak il-ħin rah jagħtih daqqa ta' ponn. Jgħid li dak li jgħid ix-xhud huwa kontradett minn PC 1193 Ryan Zammit li jgħid li hu (l-appellant) ikkoopera. Skont l-appellant huma bosta l-inkonsistenzi li jeżistu fid-depożizzjonijiet. Huwa jinnega li ħebb għall-Pulizija anke fl-istqarrija u li kien daħal biex jifred. Minn imkien ma jirriżulta li hu kellu l-intenzjoni li jikkawża ħsara fil-ġisem. Isostni li jekk l-apprezzament tal-Ewwel Qorti kien żbaljat allura din il-Qorti għandha tirriforma jew anke tħassar xi parti mis-sentenza.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju in eżami tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-

Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Dak li ser tagħmel din il-Qorti dwar l-aggravju in eżami huwa li ser titratta separatament l-imputazzjonijiet li l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom.

L-Ewwel (1) Imputazzjoni
(Inġurji Jew Theddid Kontra Uffiċjali Pubbliċi Jew Offiżi Fuq Il-Persuna Tagħhom):

Illi dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti kkunsidrat dak li xehed **PC 733 Leander Spiteri** (*a fol.* 43 *et seq.*). Huwa qal li l-Pulizija kienu marru biex iwaqqfu l-ġlieda li kienet inqalgħet. Jgħid li ra raġel li tah daqqa ta' ponn u jixhed li dan kien liebes l-iswed u minn fuq il-pedana tax-xhieda huwa qal li dan ir-raġel kien l-appellant allura imputat. Jgħid li bid-daqqa ta' ponn, waqa' n-nuċċali u l-kappell u wieħed minn sħabu sablu n-nuċċali waqt li hu mar fuq WPS 313 Christine Micallef u qalilha li kien identifika l-persuna li tah daqqa ta' ponn. Jingħad li l-Pulizija marru fuq l-appellant u staqsewh jekk kienx mess xi Pulizija u li hu wieġeb li kien daħal biex jifred u li ħadd ma kien ser imiss lin-nies tar-raħal. Jgħid li mar il-poliklinika fejn instab li kien qed isofri minn ġrieħi ħfief fuq il-ħaddejn tan-naħa tax-xellug. Dan ikkonfermah **Dr. Anthony Mifsud** (*a fol.* 48) fejn iddeskriva l-offiża bħala *"ġerħa ta' natura*

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

*ħafifa li hija kontużjoni fuq il-warda tal-wiċċ in-naħa tax-xellug.*" Huwa ma setax jgħid kif saret l-offiża.

Illi fil-kontro-eżami tiegħu, **PC 733 Leander Spiteri** qal (*a fol.* 58): "*Jiena dort. Kif dort nara ponn ġej għalija. Kif laqatni nara raġel bi flokk iswed li [...] huwa dan ir-raġel hawn hekk preżenti.*" Huwa insista li kien għaraf il-wiċċ tal-appellant allura imputat. Jgħid li huwa kien dar u rah quddiemu u ra wiċċ l-appellant minn quddiem, jiġifieri mill-faċċata. Jisħaq li lis-Surġent mill-ewwel kien qalilha li kien għaraf lill-appellant.

Illi dwar l-istess imputazzjoni, il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li xehdet **WPS 313 Christine Micallef** (*a fol.* 39 *et seq.*) li ddeskriviet l-atmosfera waqt il-ġlieda. Hi kienet qed iżżomm ġuvni u warajha kien hemm PC 733 Leander Spiteri. Tgħid li x'ħin dawret wiċċha, PC 733 kellu battibekk ma' raġel ieħor li kien liebes l-iswed u li hija għarfitu fl-awla. Hija rat lil dan ir-raġel itajjar il-beritta minn ġo ras PC 733. Tgħid li l-appellant allura imputat ġie mitkellem fil-pjazza u beda jigdem idejh u jgħid li lin-nies tar-raħal ħadd ma jmisshom waqt li beda jsir aggressiv ħafna anke magħhom. Fil-<u>kontro-eżami</u> hija kkonfermat li kienet rat persuna bi flokk iswed itajjar il-beritta ta' PC 733. Hija kkonfermat li għajnejha marru fuq il-flokk iswed. Hija qalet li f'dik in-naħa ma kinux sabu *cameras*.

Illi Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati [...]."

Illi dwar ir-reat li jaqa' taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fin-Noti tiegħu <u>Notes on Criminal Law (Second Year – Criminal Law)</u> il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk:

> *"This provision does not call for any special notice in addition to what we have already said in connection with the offence dealt with in Section 92. The material and the moral elements are the same. What is different is the person upon whom the outrage is committed. The victim in this offence can be any person lawfully charged with a public duty other than a Judge, the Attorney General, a Magistrate or a Juror. [...]*
>
> *This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc. of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Illi din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-offiża ħafifa saret mill-appellant. Dan jirriżulta b'mod l-aktar ċar mix-xiehda ta' PC 733 Leander Spiteri u WPS 313 Christine Micallef. Dawn ix-xhieda jaqblu u fil-kontro-eżami żammew sħiħ il-verżjonijiet tagħhom. M'hemm ebda kontradizzjoni kif qed jallega l-appellant u PC 733 Spiteri xehed ċar u tond li ra lill-appellant allura imputat mill-faċċata u għarfu fl-awla għal darba, darbtejn. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li ġiet ippruvata li saret l-offiża. Dan sar waqt li PC 733 Spiteri kien qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala uffiċjal pubbliku għaliex kien qed jipprova jferraq nies fi ġlieda li nqalgħet. M'hemmx dubju li huwa uffiċjal pubbliku u m'hemmx dubju lanqas li l-appellant ried jinfluwixxi jew ibeżża' lil PC 733 waqt il-qadi ta' dmirijietu. Kien hemm ukoll il-*mens rea* peress li dan jirriżulta miċ-ċirkostanzi ċari. Jirriżulta li l-appellant beda jgħid li ħadd ma kien ser imiss lin-nies tar-raħal u beda wkoll jigdem idejh u jsir aggressiv ħafna. Dan kollu juri li l-appellant kien jaf x'qed jagħmel u x'ried jagħmel. B'hekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant.

It-Tieni (2) Imputazzjoni
(Attakk Jew Reżistenza):
Illi din l-imputazzjoni hija dwar Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan ir-reat, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk fin-Noti tiegħu:

> *'The first element of this crime consists in an attack or resistance. [...] It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of the lawful orders of the competent authorities that the crime of attack or resistance with which we are now dealing can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those who are charged therewith. [...]*
>
> *Such attack or resistance must be made with violence or active force."*

Aktar tard il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid hekk:

> *"[...M]ere insults or threats without the actual use of force would not be sufficient."*

Illi fir-rigward tar-reat taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Attard**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun hemm mhux biss attakk jew oppożizzjoni ossia reżistenza kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda wkoll li dana l-attakk jew reżistenza isir bi vjolenza jew b'ħebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti. Meta uffiċjal tal-Pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi ħadd, jew ikun effettivament qed jipproċedi biex jarresta lil xi ħadd, jew ikun ġa' arresta u qed iżomm lil xi ħadd arrestat, huwa jkun ċertament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Iżda meta uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jipprova jipperswadi lil xi ħadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk mingħajr ma dak il-Pulizija jeżerċita s-setgħa tiegħu li jarresta, ma

> jistax jingħad li dak il-Pulizija jkun qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-ligi" fis-sens ta' l-Artikolu 96, għalkemm huwa jkun qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95."

Illi mbagħad fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** (Numru 130/2002), l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dana l-Artikolu [Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorita' kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz"."

Illi fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Daniel Mizzi** (Numru 80/2019), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Mill-ġurisprudenza nostrana kif ukoll mid-dottrina din il-Qorti tikkonkludi li sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 96 irid ikun hemm kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Borg**[2] fuq ċitata:
>
> > "fost affarijiet oħra u bħala minimu xi forma ta' forza illeġġittima diretta lejn jew eżerċitata fuq il-persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza illeġittima tiġi eżerċitata irid ikun tali li jkun tendenti ossia li

[2] "Mogħtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali."

> jkollu l-potenzjalita' li jikkaġuna xi ħsara lill-persuna ta' l-uffiċjal pubbliku, <u>żgħira kemm hi żgħira dik il-ħsara, anke jekk bħala fatt u fil-każ konkret ebda ħsara ma tiġi effettivament ikkaġunata u anke jekk l-aġent ma jkollu l-ebda intenzjoni li jikkaġuna tali ħsara</u>. Hekk per eżempju, ikun il-każ ta' min sempliċement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-uffiċjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah jew ta' min jibda jitħabat meta jkun fl-idejn l-uffiċjal pubbliku proprju biex jeħles minn idejh"." [emfażi miżjuda]

Illi dak li għamel l-appellant lil PC 733 Leander Spiteri u li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza jaqa' fil-parametri ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u huwa għalxejn li l-appellant jirreferi għall-offiża ħafifa. Kif jidher mis-sentenza t'hawn fuq anke jekk il-ħsara tkun żgħira, l-artikolu japplika xorta waħda. M'hemmx dubju li l-appellant ħebb għal uffiċjal pubbliku waqt id-dmir tal-qadi tiegħu. PC 733 Spiteri kien qed jagħmel l-almu tiegħu biex jifred lil min kien qed jiġġieled u l-appellant mar u tah daqqa ta' ponn fuq ħaddejh. Bħalma diġa' ngħad aktar 'il fuq, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, m'għandhiex dubju li kien l-appellant li ta d-daqqa ta' ponn. Lanqas hemm dubju dwar il-*mens rea* għaliex l-azzjoni hija prova tal-intenzjoni. Kif jgħallem il-Professur Mamo wieħed irid jiddesumi l-intenzjoni miċ-ċirkostanzi. B'hekk, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, jirriżulta li anke hawn l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tagħha.

<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>
<u>(Offiżi Ta' Natura Ħafifa)</u>:

Illi minn dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, it-tielet (3) imputazzjoni tirriżulta minn dak li xehed it-tabib u miċ-ċertifikat rilaxxat minnu. Il-vittma huwa PC 733 Leander Spiteri. Għalhekk għamlet sew l-Ewwel Qorti li sabet ħtija fl-appellant allura

imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Ir-Raba' (4) Imputazzjoni
(Nuqqas Ta' Ubbidjenza Ta' Ordnijiet Leġittimi):
Illi din l-imputazzjoni hija dwar tfixkil lill-uffiċjali pubbliċi. Ma hemmx dubju li bid-daqqa ta' ponn, l-appellant fixkel dak li kien qed iwettaq l-uffiċjal pubbliku. Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid ukoll li hu kien aggressiv mal-uffiċjali u dana kif jirriżulta mis-sommarju ta' dak li qalu x-xhieda aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Anke hawn, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant li jirrigwarda l-erba' imputazzjonijiet li l-appellant instab ħati tagħhom, b'hekk isegwi li l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. L-appellant jisħaq li l-piena ma għandha qatt isservi bħala tpattija u hu jagħmel riferenza għal ġurisprudenza. Jargumenta li anke jekk jiġi konċess li l-*parte civile* sofra xi dannu, dan kien negliġibbli u skont it-tabib li eżamina lill-vittma l-offiża kienet waħda ħafifa. Jgħid li ma jfissirx li għax l-imputazzjonijiet huma kontra uffiċjali tal-Pulizija allura bilfors ikun hemm piena ta' priġunerija. Jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li kienet ikkundannat lill-imputata quddiemha għal sentenza ta' priġunerija sospiża. Jgħid li l-piena għandu jkollha mezz riformattiv kif isostnu ħafna sentenzi tal-Qrati ta' Malta. Jgħid ukoll li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv.

Illi dwar il-piena, din il-Qorti tikkunsidra li meta saru l-emendi tas-sena 2014 dawn kienu intiżi biex jagħtu protezzjoni akbar lill-

ufficjali tal-Pulizija li jridu jaqdu dmirhom bla ma jkunu aggrediti. Għandu jingħad li ħadd ma għandu għax jaħseb li għax hija l-festa tar-raħal allura wieħed jista' jaqbad u jħebb jew jagħti xi daqqa ta' ponn lill-Pulizija li tkun qed taqdi dmirha.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li din il-Qorti diversament preseduta laqgħet talba tal-appellant sabiex jiġi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tiegħu u jirriżulta wkoll li dan ir-rapport ġie ppreżentat quddiem il-Qorti msemmija mill-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina.

Illi din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni s-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 150 et seq.) hawn fuq imsemmi fejn, fost l-oħrajn, hemm imniżżel hekk (*a fol.* 155):

> "Mir-rapport odjern ma ġewx identifikati problemi ta' saħħa mentali. Lanqas ma ġew identifikati problemi relatati ma' vizzji. B'konsistenza ma' dan, minn verifika li saret mal-Aġenziji lokali li jaħdmu kontra l-vizzji jirriżulta li Boyce qatt ma bbenefika mill-għajnuna tal-istess Aġenzija. Barra minn hekk, żewġ testijiet tal-urina meħuda tul il-kumpilazzjoni tar-rapport irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti u t-tabib tal-familja Boyce irrapporta li r-rekord mediku li huwa għandu tal-imsemmi ma jindikawx problemi relatati ma' użu ta' alkohol.
>
> [...]
>
> Mill-informazzjoni miġbura f'dan ir-rapport, Reuben Boyce jidher illi jgħix ħajja stabbli. [...F'] dan l-istadju ma ġewx identifikati fatturi li jirrikjedu attenzjoni [...]."

Illi din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni wkoll li fis-sottomissjonijiet finali mismugħa quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali qal (*a fol.* 162): *"Biss fuq piena kemm tista' tkun mita"*. Apparti minn dan, mill-fedina penali aġġornata tal-appellant li ġiet eżebita

quddiem din il-Qorti jirriżulta biss li fis-sena 2014 l-appellant kien ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa waqt li kien qed isuq vettura.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dan t'hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun hemm temperament fil-piena imposta fil-konfront tal-appellant bil-mod kif imsemmi hawn isfel

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Reuben Boyce u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ħames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni u anqas li hu reċidiv u li minnhom ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant għall-ħlas ta' multa ta' erbat elef Euro (€4,000) li, b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħmistax-il Euro (€115.00) bl-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum b'dan illi f'każ li l-appellant jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata stabbilita skont il-liġi;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' PC 733 Leander Spiteri b'dan illi l-appellant qed ikun marbut sabiex għal żmien sena millum bl-ebda mod ma jikkuntattja jew jimmolesta lil PC 733 Leander

Spiteri u dan b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju u bl-aktar mod ċar l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**